REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1229

tat-3 ta' Mejju 2017

li jirretifika ċerti verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1333/2011 li jistabbilixxi l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-banana, regoli dwar il-verifika tal-konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni u r-rekwiżiti għan-notifikazzjonijiet fis-settur tal-banana

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 75(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-verżjonijiet lingwistiċi bil-Malti, bl-Olandiż u bis-Sloven tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1333/2011 ([2]) fihom żball fil-premessa (3), fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1, fl-Artikolu 3 u fil-punt I tal-Anness I li jikkonċerna l-varjetajiet ta' banana soġġetti għall-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni stabbiliti f'dak ir-Regolament. Għalhekk hemm bżonn li ssir rettifika tal-verżjonijiet lingwistiċi bil-Malti, bl-Olandiż u bis-Sloven. Il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra mhumiex affettwati.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1333/2011 għandu għalhekk jiġi rettifikat kif xieraq,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1333/2011 huwa rettifikat kif ġej:

(1) It-tieni sentenza fil-premessa (3) tinbidel b'dan li ġej:

"Il-karatteristiċi tal-fikabanana u l-mod ta' kif tinbiegħ huma tali li ma għandhomx ikunu koperti bl-istandards tal-Unjoni.";

(2) L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"L-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni applikabbli għall-banana li taqa' fi ħdan il-kodiċi NM 0803 00, eskluż l-plantani, il-fikabanana u l-banana intiża għall-ipproċessar, huma stabbiliti f'Anness I ta' hawnhekk.";

(3) L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-ispezzjonijiet skont dan il-Kapitolu biex jivverifikaw li l-banana li taqa' fi ħdan il-kodiċi NM 0803 00 eskluż l-plantani, il-fikabanana u l-banana intiża għall-ipproċessar tkun konformi mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni imsemmija fl-Artikolu 1.";

(4) Il-punt I tal-Anness I jinbidel b'dan li ġej:

"Dan l-istandard japplika għall-banana tal-varjetajiet (cultivars) tal-Musa (AAA) spp., is-subgruppi Cavendish u Gros Michel, kif ukoll l-Ibridi, imsemmija fl-Anness IV, għall-forniment frisk għall-konsumatur wara l-preparazzjoni u l-imballaġġ. Il-plantani, il-banana intiża għall-ipproċessar industrijali u l-fikabanana mhumiex koperti.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Mejju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1333/2011 tad-19 ta' Diċembru 2011 li jistabbilixxi l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għall-banana, regoli dwar il-verifika tal-konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni u r-rekwiżiti għan-notifikazzjonijiet fis-settur tal-banana (ĠU L 336, 20.12.2011, p. 23).